Minuti tal-laqgħa numru tlieta u sebgħin (73) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar it-8 ta' Frar 2024 fis-6.30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv, f'30, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier (on-line) |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

Din il-laqgħa qed tinżamm mhux fil-ġurnata li kienet skedata għaliex is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab li tkun posposta għal ġurnata ta' wara kif fil-fatt sar.

Il-membri qalu t-talba u s-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresediha.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lil Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħtu rendikont bil-fomm tal-mawra tagħhom ġewwa Spanja.

Is-Sur Matthew Chetcuti spjega fid-dettall dak kollu li sar filwaqt li s-SE wera ritratti tal-attività li saret marbuta mal-proġett  Citizens, Equality, Rights and Values (CERV) fuq l-iscreen dak il-ħin tal-laqgħa u xxerjahom mas-Sa Janice Busuttil li kien on-line.

73.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Talba u apoloġija

Ma kienx hemm talbiet ta' apoloġija.

73.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tnejn u sebgħin (72) u tal-Minuti tal-laqgħa pubblika tas-17 ta' Jannar 2024.** — Minuti tal-Kunsill u tal-laqgħa pubblika tal-lokalità

Il-Minuti tas-seduta tnejn u sebgħin kif ukoll tal-laqgħa pubblika tas-17 ta' Jannar 2024 kienu proposti għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sa Doris Coleiro. Dawn kienu approvati unanimament.

73.02.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, tkellem fuq il-proġett tar-restawr tan-Niċċa ta' San Pawl. Hu qal illi issa jinsab f'fażi avvanzata sew u issa intagħżel is-sample taż-żebgħa u qed tiġi miżbugħa skont kif sar il-qbil. — Restawr tan-niċċa ta' San Pawl

73.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 355 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 74** — Ċedola tal-pagamenti u dik tax-xogħlijiet

Il-preżentazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti numru 355 kif bagħtitilna l-Accountant ma kienetx aċċettat. Ma kienetx iffirmata u se tkun amendata biex tirrifletti entratura waħda fejn tidħol l-invoice u mhux repetizzjoni tagħha għal kull part payment li jsir. Madankollu l-kunsillieri kollha unanimament jaqblu li sar dan l-infieq. Il-Works/Purchase Order numru 74 kienet approvata unanimament.

73.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

73.04.01 Is-Sur Rudolph Grima talab li titneħħa l-katina li kienet twaħħlet fuq iz-zuntier, wara li sar ix-xogħol minn Infrastruttura Malta għaliex din hija ta' periklu li ma jarawhiex — Katina fuq iz-zuntier



Kunsill Lokali tar-Rabat – 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;

u jaqgħu fiha n-nies li jkunu qed jaqsmu fuq l-istess zuntier. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi minflok din il-katina se nagħmlu żewġ barriers u li se jkunu jinqaflu, filwaqt li l-proposta hija li ċ-ċavetta tkun għand l-Arċipriet peress li hemmhekk tiegħu.

73.04.02 Is-Sur Rudolph Grima talab li jsir il-parkeġġ li kien tnaqqas fi Triq Pawlu Inguanez fejn hu evidenti li hemm żewġ familji mpikati tant li kellha tidħol TM għalihom u issa għandna sketch kif dawn għandhom isiru mil-Perita Antoinett Conti A & CE. Is-Sindku ddelega lis-SE sabiex imur hu mal-ħaddiema li jiżbgħu it-toroq biex jerġa' jsir dan il-parkeġġ. Parkeġġ fi Triq Pawlu Inguanez

73.04.03 Is-Sur Norbert Grech esebixxa ritratt fejn bracket tal-linji tal-elettriku fi Triq il-Ġewż qed jaqala' bil-kantun mil-ħajt ta' faċċata ta' dar. Dan se jkun komunikat lis-SE u għada se jgħaddi r-rapport. Dwar din il-ħsara tkellem ukoll is-Sur Rudolph Grima. Ħsara bi bracket tal-Korporazzjoni Enemalta.

73.04.04 Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq il-fence li nqala' biswit id-dar tiegħu li qed idawwar plot abbandunata fi Triq Nikola Saura. Hu qal illi tant hemm ħaxix ħiereġ minn warajh illi bil-piż miel għal fuq it-triq. Fence li nqala' quddiem plot abbandunata fi Triq Saura.

73.04.05 Is-Sur Rudolph Grima semma' wkoll l-isprall li hemm imkisser fi sqaq fi Triq San Franġisk. Dan l-isprall jinsab fil-bieb ta' wara tal-kunvent u jinħtieġ li ssirlu manutenzjoni. Manutenzjoni fuq sprall

73.04.06 Is-Sur Nazju Cassar ippropona li titnaddaf biċċa art li hija pubblika fi Triq il-Ġarġir quddiem razzett taż-żwiemel u jitħawwlu s-siġar fiha. Embellishment fi Triq il-Ġarġir

73.04.07 Is-Sur Norbert Grech ippropona li niktbu lill-kuntrattur Faces Displays biex ikun irranġat il-bus shelter tas-Saqqajja u biex jitwaħħal ieħor fejn l-Għajn tal-Ilma. Bus Shelters

73.05 **Unaudited Financial Statements 2023** FS 2023

Ma kienux ippreżentati fil-ħin mill-Accountant u din se tkun provduta aktar tard dan ix-xahar.

73.06 **Agreement tal-Bustijiet ta' Dr Daniel Micallef LL D u ta' Not Tony Abela** Bust tat-tabib Daniel Micallef u tan-Nutar Tony Abela

Il-Kunsill ma qabilx li jkun iffirmat dan l-*agreement* u se jkun irrikunsidrat hekk kif titla' l-leġislatura l-ġdida f'Ġunju 2024, wara l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Dan mhux għaliex ma nixtiqux li jsiru dawn il-busti, iżda għaliex ma rridux ngħabbu lill-Kunsill ta' warajna b'obbligazzjoni finanzjarja li forsi ma jkunx jixtieq jieħu.

73.07 **SPI/SCI/1/2024 - Skema ta' Restawr tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali** SPI/SCI/1/24

Kien deċiż illi napplikaw għar-restawr tal-funtana ta' taħt is-Saqqajja. Is-SE spjega illi ma nistgħux napplikaw għal per eżempju r-restawr tal-bini tal-Kunsill għax dan ikun proġett massiv. Għad-domanda dwar x'inhi it-treshold, is-SE qal illi dan ix-xogħol se jsir kollu imħallas mil-ħaddiema tad-Direttorat tar-Restawr f'każ illi tintlaqa' l-applikazzjoni.

73.07.01 Skema oħra li issa ġiet inawgurata ma erba' skemi oħra mid-Dipartiment Gvern lokali hija tal-Community Gardens. Se naraw eżattament jekk humiex allotment gardens bħal dik li hemm fuq il-katakombi tad-Dejr li hija amministrata minn Heritage Malta. Skemi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali SPI/SCI/1/24

Skema oħra li ġiet inawgurata mid-Dipartiment Gvern Lokali hija dik tal-attivitajiet kulturali annwali u Natalizji. Dwar din l-iskema l-KLR se japplika għall-attività Rabat Sacrum li kienet suċċess kbir f'Settembru 2023. Din se tinżamm f'Settembru 2024. Dwar din tal-aħħar, is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, qal illi rridu nitkellmu aktar fid-dettall speċjalment biex innaqqsu l-ispejjeż. Hu qal li hemm laqgħa li għaliha hu mistieden kulħadd fil-20 ta' Frar 2024 bejn l-entitajiet kollha dwar dan. SPI/SCI/5/24

73.08 **Biex Sa Caroline Farrugia tingħata progression għal Skala 14** Progression



Kunsill Lokali tar-Rabat – 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;

Il-progression tas-Sa Caroline Farrugia kienet approvata mil-Kunsill b'mod unanimu.

73.09 **MOU għal-latrina pubblika (Baħrija) mad-Dipartiment tat-Tindif u l-Manutenzjoni.** *Latrina tal-Baħrija*

Kien deċiż illi niffirmaw dan il-*Memorandum of Understanding* filwaqt li nippreparaw kollox biex noħorġu t-tender għall-*provision only* u mhux *provision and laying/installation* tal-madum u tas-settijiet tal-banju fil-latrina tal-Baħrija. Dwar il-problema li jista jkun hemm jekk min joffri l-materjal jeżonerax ruħu mil-garanzija jekk iwaħħlu xi ħaddieħor minfloku, se naraw mas-supplier li se jinxtraw il-kmamar tal-banju mingħandu. Is-SE qal illi din il-latrina għandha diffikultà minħabba li mhux aċċessibbli minn persuni bi bżonnijiet speċjali minħabba t-turġien li fiha fid-daħla. *RLC/T/0216/23*

Is-SE tkellem dwar proġett ieħor fl-istess ġnien tal-Baħrija, jiġifieri dak tal-bandli. Hu qal illi t-tender RLC/T/0216/23 Tender for the supply, installation and commissioning of play equipment and safety material at Ġnien il-Barnuża l-Ħamra, il-Baħrija, ir-Rabat, issa kien evalwat. Minkejja li ma laħaqx ħareġ ir-rapport tal-evalwaturi, il-bord qed jipproponi li din l-offerta pubblika tkun mogħtija lil Projekte Global Ltd li hu l-orħos u li kien *compliant*. Dan kien unanimament ikkonfermat u se jkompli l-proċess biex din l-offerta pubblika tkun mogħtija.

73.10 **Agreement (IM, MTA, RLC u l-Parroċċa, dwar xogħol ta' Embellishment fuq iz-zuntier tal-Parroċċa.** *Embellishment taz-zuntier*

Kien konfermat illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat se jkun parteċipi f'dan il-proġett li se jqum nofs miljun ewro. Dan jinvolvi l-pavimentar tal-parti taz-zuntier li fiha jinħaraq in-nar tal-art tal-festa ta' San Pawl. Il-kapital kollu se jkun qed joħorġu l-MTA. Il-KLR se jeżonora ruħu mil-kontijiet kollha tad-dawl u l-ilma li jista' jkun hemm biex dan is-sit jiġi imdawwal u x-xtieli imsoqqija.

73.11 **Il-ħruġ mil-ġdid tal-offerta *Supply and Installation of Energy Efficient and durable solar street lighting at tas-Salib, ir-Rabat* u l-approvazzjoni tar-rapport tal-evalwaturi tal-offerta l-antika** *Tender tal-fanali solari f'Tas-Salib*

Dan il-kuntratt se jaqa' għaliex l-uniku kumpanija li tefgħet l-offerta u li kienet *compliant,* saritilha *request for clarification* u din ma ġietx imwieġba. Se jerġa' joħroġ it-tender immedjatament u b'mod espedit.

73.12 **Irtirar tal-Kawża (sekwestru) ta' Bonnici Bros** *Mandat ta' Sekwestru minn Bonnici Bros*

Il-kawża kienet irtirata għaliex il-Kunsill Lokali tar-Rabat ħallas il-flus kollha lil Bonnici Bros. Issa qed nistennew li jkunu rilaxxati l-fondi mil-BOV lill-Kunsill Lokali tar-Rabat.

73.13 **Ikkonfermar tal-posti tal-Permessi tal-Kabbani fil-Festa ta' San Guzepp 2024** *Posti tal-Kabbani tal-Festi.*

Il-posti kollha kienu approvati minbarra l-posti 12 u 18 tas-Sur Robert Caruana, kif propost mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus. Dan se jkun infurmat minnufih bid-deċiżjoni tal-kunsill.

73.14 **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** *Aġġornament*

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar is-7 ta' Marzu 2024 u din il-laqgħa intemmet fid-21:00.

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn Anthony Bonello u approvati nhar il- | minn Sandro Craus |
| Segraetarju Ezekuttiv | Sindku |



Kunsill Lokali tar-Rabat – 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;

Kunsill Lokali tar-Rabat – 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;